MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2007

Numru. 165/2005

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
ANDREW FORMOSA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Andrew Formosa, ta’ 20 sena, bin Joseph u Helen nee’ Zammit, imwieled Pieta’ fid-19 ta’ Lulju 1984, u residenti Id-Dar, Flat No 2, Triq Marony, Gzira, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 0356484(M), u akkuzat talli fl-10 ta’ Frar 2005, ghal habta tal-5.30pm, fil-Marsa:

1. ikkommetta serq ta’ oggetti, cioe’ ghodod mill-vettura HAW 038, li l-valur taghhom jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment tal-kumpanija General Soft Drinks, ta’ Hal Qormi;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew

akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe' fuq il-vettura li ggib in-numru tar-registrazzjoni HAW 038, liema hsara teccedi l-hamsin Lira Maltin (Lm50) u hija ghad-detriment tal-kumpanija General Soft Drinks, ta' Hal Qormi;
4. u aktar talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 16 t'Awissu 2003, fejn huwa kien instab hati ta' reati, u gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena minn dik id-data.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 3) u tal-imputat (a fol 11) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 9).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza li hija alternattiva ghal l-ewwel akkuza li minnha tilliberah, u hati tat-tielet u r-raba' akkuza, u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 271, 325, 49, 50, 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tliet snin. In oltre, tqieghdu taht 'supervision suspended order', ghal perjodu ta' tliet snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Di piu', tqieghed lill-imputat taht 'treatment order' fl-istituzzjoni tal-Caritas, sabiex l-imputat jibda' u jikkompleta program ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga, u dan sal-perjodu intier tal-fazi tar-'re-entry'. Ghal dan il-ghan, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Caritas.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' ta' l-imputat; il-fedina penali tieghu; il-fatt li l-imputat huwa dipendenti fuq id-droga u ma rnexxielux, u dan b'mod repetut, li jispicca d-diversi programmi li beda sabiex jeghleb id-dipendenza tieghu fuq id-droga. In oltre, din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll ic-cirkostanzi tat-trobbija harxa u vjolenti li l-imputat sofra minn taht missieru, kif elenkat fl-Enquiry Report ipprezentat mill-Probation Officer Ivan Sultana.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------